# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ
L-AKKADEMJA TAL-MALTI

MARZU
1977


## IL-MALTI FIT-TAGĦLIM TA' SUĠĠETTI OĦRA

*Minn żmien għal żmien titfaċċa xi ittra f'xi gazzetta ta' kuljum, li tisħaq fuq li t-tfal tagħna sejra titnaqqsilhom l-abbiltà fl-Ingliż billi jista' jkun li t-tagħlim ta' l-Istorja u ta' xi suġġett ieħor ser jibda jsir bil-Malti f'lok bl-Ingliż. L-argument huwa dejjem dak li l-Ingliż huwa lsien internazzjonali u li jeħtieġ insaħħu t-tagħlim ta' l-Ingliż biex uliedna jinqdew tajjeb fid-dinja ta' żmienna.*

*L-Akkademja tal-Malti qatt ma kellha xejn kontra t-tagħlim ta' xi lsien ieħor, anzi minn dejjem għarfet illi l-poplu tagħna jeħtieġ ilsna oħra biex ikun jista' jinqeda tajjeb; imma fl-istess nifs dejjem rat, li bħala Maltin ġo pajjiżna, għandna nieħdu ħsieb il-patrimonju nazzjonali tagħna li jibda bl-ilsien Malti. Bejnietna bil-Malti rridu u għandna ninqdew. J'Alla jikber kemm jista' jkun l-għadd tal-Maltin li jafu ilsna oħra tajjeb. Imma fit-tagħlim ta' ilsna oħra mill-Malti rridu nibdew u l-Malti jeħtieġ li nkunu nafuh tajjeb biex ninqatgħu mill-ħmerijiet ta' nies mingħalihom qed jitkellmu b'xi lsien ieħor u ma jintebħux li qegħdin jittraduċu kelma b'kelma, u xi minn daqqiet ħażin ħafna, idjomi Maltin, kif ukoll ta' nies mingħalihom qed jitkellmu bil-Malti u ma jintebħux li qed ifarrku l-idjomi ta' ilsna oħra bil-Malti, bħal kas ta' dak li kien qiegħed jiddeskrivi partita "waterpolo" minn fuq ir-Radjo u qalilna li t-team "kien għadu kif ħa l-ilma", billi miskin kien qed jaħseb bl-Ingliż* "the team has taken to the water" *u, jekk intebaħ, minn għalih li għamel figura għax tagħna l-idjoma Ingliża bil-Malti safi!*

*Imma l-agħar ta' ittri bħal dawn huwa li l-kittieba tagħhom l-anqas biss ma jintebħu bl-inġustizzja ta' l-argument tagħhom! Tajjeb, biex it-tfal tagħna jkunu jafu l-Ingliż, ngħallmu s-suġġetti kollha bl-Ingliż għax, igħidu, waqt li qed jitgħallmu xi suġġett qed jieħdu l-Ingliż ukoll. Allura ma jiġix illi qed inkomplu nissagrifikaw lill-Malti, jekk suġġett li jista' jintgħallem bil-Malti ma ngħallmuhx bil-Malti? Li kieku kien li l-Malti f'Malta ma għandux problemi għax*

*l-ambjent Malti minnu nnifsu qed jaħkem hekk tajjeb li qed jagħtina Maltin li jitkellmu u jiktbu Malti tajjeb, jista' jkun li konna ngħidu "Kollox sew!"; imma nafuha lkoll li l-Malti tal-mezzi tax-Xandir huwa nieqes sew mill-*minimum *mixtieq għal Malti tajjeb; li ż-żgħażagħ tagħna ħafna drabi jitkesshu bil-Malti msejjaħ* "shandy" *li fil-ħajja soċjali tista' tgħid kullimkien ma niltaqgħu ma' l-ebda kas ta' Malti suret in-nies; u tista' tibqa' sejjer hekk kemm trid; tgergir fuq tgergir ħadd ma jieħu għalih u ħadd ma jħoss. Kemm kemm ma sirniex neħduha li ma għandniex għalfejn inħabblu rasna; la l-poplu fl-għerf tiegħu qed jabbanduna l-Malti j'Alla l-ġid! l-aqwa li jinftiehem bl-Ingliż u jinnegozja ma' pajjiżi oħra! Għandu mnejn li l-prezz li qegħdin nitolbu huwa ogħla minn tletin biċċa, imma tradiment huwa dejjem tradiment!*

*Kif l-Akkademja fissret fil-Memorjal tagħha tal-1969: Nitgħallmu ilsna oħra, imma ma nittradixxux lill-Malti li għadu, u b'kull jedd għandu jibqa', ilsien il-poplu Malti.*

*Jekk nirrispettaw lill-poplu tagħna ma nbellgħulux li l-aqwa li jinqeda; meta mbagħad nippretendu (kif għandu jkun!) li f'kollox jeħtieġ li dak li għandu jsir isir sew. It-tagħlim tal-Malti, l-ambjent għall-użu tal-Malti, għandhom ikunu sew daqs kemm sew il-ħwejjeġ l-oħra kollha li nippretendu minn niesna u mill-istudenti tagħha!*